MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Rikors Numru. 520/2008

Korporazzjoni Enemalta
vs
Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` Attard Services Limited li bih esponiet:

Illi fis-7 ta' Marzu 2008 il-Korporazzjoni Enemalta kienet ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi wara talba li kienet ippresentata fit-8 ta' Frar 2008;

Illi l-inibizzjoni kienet intiza sabiex l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi tinzamm milli tipprocedi ai termini ta' l-artikolu 30 tal-Kap 423 sabiex iggieghel lill-Korporazzjoni Enemalta tipprovdi informazzjoni kritika ghall-operazzjoni

*ta' l-istess Korporazzjoni kif indikat permezz ta' ittra datata 15 ta' Jannar 2008.*

Illi minkejja li s-socjeta` rikorrenti odjerna ma kenitx parti fl-imsemmija atti, il-konkluzjoni taghhom kienet tolqot direttament l-operat taghha ghaliex ma tistax tibda tuzufruwixxi mid-dritt il rebhet sabiex tforni l-*aviation fuel* gewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta;

Illi minn ricerka li ghamlet dan l-ahhar is-socjeta` rikorrenti jirrizulta li l-Korporazzjoni Enemalta ma ottemperatx ruhha mad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jirrizulta li hemm pendenti biss atti numerati 642/07LFS fl-ismijiet tal-Korporazzjoni Enemalta kontra l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi et u li fiha l-unika talba hija s-segwenti:

*Tiddeciedi u tiddikjara, prevja ghall-bzonn dikjarazzjoni li l-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi naqas li josserva il-principji tal-gustizzja naturali jew tal-htigijiet procedurali mandatorji fid-decizjoni tieghu u fil-proceduri ta' quddiemu, li d-decizjoni tal-21 ta' Frar 2007 tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi fl-ismijiet Attard Services Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar Rizorsi (Appell Numru 001/2005) hija nulla, invalida u minghajr effett fil-ligi, bl-ispejjez kontra l-intimati.*

Illi l-artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula l-procedura li kellha tigi segwita u hemm imnizzel li:

*"Ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat…*

*(2) Jekk ir-rikorrent jonqos milli jaghmel il-kawza minghajr raguni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha;"*

Illi jirrizulta ghalhekk li l-Korporazzjoni Enemalta naqset li tiddeduci l-pretensjoni li giet kawtelata bil-mandat ta' inibizzjoni f'citazzjoni u dan ghandu jwassal ghar-revoka

tal-mandat ta' inibizzjoni minnufih kif hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana;

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti talbet li dan il-mandat ta' inibizzjoni jigi minnufih revokat contrario imperio.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li biha eccepiet:

Illi fl-ewwel lok is-socjeta` Attard Services Limited ma ghandha l-ebda *locus standi* fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni stante li kif jirrizulta manifestament mill-atti ta' l-istess mandat, hija ma kenitx parti f'dawk il-proceduri. Dak il-Mandat ta' Inibizzjoni ntalab u effettivament inhareg mill-Qorti fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi biss u hadd izjed.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-istess socjeta` rikorrenti ma ghandha l-ebda interess li titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni gjaladarba hija mhix kolpita bl-effett ta' l-istess mandat.

Illi f'kull kaz ir-rikors huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante li dak il-mandat inhareg appozitament biex jikkawtela d-drittijiet u pretensjonijiet dedotti fil-kawza li ghaliha saret referenza mill-istess socjeta` rikorrenti cioe` l-kawza fl-ismijiet "Korporazzjoni Enemalta vs Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi et" (Citazz. 642/07).

Illi harsa superficjali lejn l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq citat m'ghandu jhalli ebda dubju li dak il-mandat intalab u nhareg mill-Qorti in kawtela tal-pretensjonijiet dedotti fil-kawza hawn fuq riferita li qed tinstema' min din il-Qorti kif presjeduta. Ghal dan il-ghan it-talba tas-socjeta` rikorrenti hija ghal kollox frivola u vessatorja.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi li biha eccepiet:

Illi l-Awtorita` intimata irriferiet ghall-atti kollha, partikolarment ghar-risposta taghha (kopja annessa mar-risposta u immarkata bhala Dok 1) u ghat-trattazzjoni

(registrata) li kienet saret quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-seduta tat-22 ta' Frar 2008 u ghal kull buon fini ttenni mill-gdid l-argumenti u sottomissjonijiet taghha u qed terga' tippresentahom bhala parti tar-risposta odjerna, fejn applikabbli.

Illi in kwantu, dwar aspetti ohra u cioe` jekk l-istess rikorrenti ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri u anke dwar jekk hemm konformita` o meno mal-Artikolu 843 tal-Kap 12, l-Awtorita` intimata m'ghandhiex xi zzid u tirrimetti ruhha ghas-savju decizjoni ta' din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi irrizulta b'mod car li s-socjeta` rikorrenti Attard Services Limited (C4113) ma kenitx parti fl-imsemmi mandat. Ir-rikorrenti pero` jargumentaw li l-konkluzjoni kienet tolqot direttament l-operat taghha minhabba li ma tistax tuzufruwixxi biex tforni *aviation fuel* gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Il-fatt li mhix parti fil-proceduri msemmija johrog car mill-atti tal-mandat 181/08 kif ukoll mistqarr mis-socjeta` rikorrenti stess fil-proceduri odjerni.

Illi a tenur ta' l-artikolu 843(1) ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat.

Illi r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta hi bazata fuq tliet aspetti u cioe` primarjament li s-socjeta` Attard Services Limited m'ghandhiex *locus standi* fil-Mandat ta' Inibizzjoni ghax ma kenitx parti minn dawk il-proceduri, u sekondarjament u minghajr pregudizzju ghal dan l-imsemmija socjeta` m'ghandha l-ebda interess li titlob ir-revoka ta' dan il-mandat ladarba mhix kolpita bl-effetti tal-mandat u fit-tielet ipotezi hemm ir-referenza ghall-kawza Citazz 642/07.

Irrizulta car li r-rikorrent fil-proceduri odjerni ma kienx parti fil-Mandat ta’ Inibizzjoni li tieghu qed jitlob ir-revoka u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-proceduri odjerni ma setghux isiru. Jekk ma kienx parti fil-mandat ir-rikorrent ma jistax jitlob ir-revoka ta’ l-istess mandat.

Dwar il-kuncett ta’ l-interess guridiku din il-Qorti kif presjeduta, fit-30 ta’ Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabne et vs Joseph Schembri** kienet qalet:
“Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista’ jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu’ pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Superjuri fit-28 ta’ Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur u f’dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta’ l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VolI p.588;). Il- **Mattirolo** f’dan ir-rigward jispjega li:
“L’azione compete soltanto e tutela dei diritti; l’interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d’altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` ‘injuria datum’, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.”

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe.** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997). Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim'Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fen la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:

- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."

Inoltre l-ligi tipprovdi ghall-intervent fil-kawza taht il-Kap 12 art 960. Izda tali intervent huwa limitat ghal interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet. L-istitut ta' l-intervent fil-kawza ma jezistix hlief fid-dritt sostantiv u dana biss in segwitu ta' rikors appozitu u digriet ta' awtorizzazzjoni ghal dan. Minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent odjern kellu tali dritt.

Issa wkoll ghalkemm dak ta' hawn fuq huwa sufficjenti ghac-cahda tar-rikors, il-Qorti sejra tirrileva li tezisti kawza ohra, 642/07, quddiem din il-Qorti kif presjeduta li ghalkemm huwa veru li l-kawza giet intavolata precedentement ghall-Mandat ta' Inibizzjoni u naturalment anke precedentement ghar-rikors ghar-revoka, xorta wahda jidher minn ezami tar-rikors ghall-mandat li tali talba kienet fermament relatata ma' dik tac-citazzjoni. Infatti fir-rikors ghall-mandat jinghad:

"Illi l-Awtorita` intimata qeghda tezigi l-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti ai termini ta' ordni li nghatalha mill-

Bord ta’ l-Appelli dwar ir-Rizorsi, kif konfermata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Inferjuri fid-9 ta’ Jannar 2008 … il-Korporazzjoni Enemalta ma kenitx involuta f’dan il-process li kjarament kien jolqot l-interessi taghha u ghal dan il-fini gew intavolati proceduri ai termini ta’ l-artikolu 469 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta vs Awtorita` ta’ Malta Dwar ir-Rizorsi et (Rikors 642/07LFS). Illi l-korporazzjoni rikorrenti tikkontendi b’sahha li l-Bord ta’ l-Appelli Dwar ir-Rizorsi u l-istess Awtorita` konvenuta m’ghandhomx il-kompetenza li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ghall-access fl-ajruport ta’ Malta stante li ai termini ta’ l-Airport (Ground Handling Services) Regulations…”

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti thoss li ghandha, kif fil-fatt qed taghmel, tichad it-talba ta’ Attard Services Limited.

Spejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------